MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1936/2000/1

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited**

**vs**

**Spring Commpany Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' sbatax il-elf seba' mija u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm17732.62) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' merci, u cioe' 'catering equipment', lilha

mibjugha u konsenjati, fattura hawn ezebita bhal Dok. A, salvi imghaxijiet ulterjuri;

Illi minkejja li giet interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta taghid l-ghaliex, ghar-rugunijiet fuq premessi, ma ghandhiex dina l-Qorti:-

Taqta u tiddeciedi il-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sbatax il-elf, seba' mija u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm17732.62) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez inluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta'Gunju 2000 kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit ta' Mario Cutajar presentat mis-socjeta attrici mac-citazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi primarjament, mhux minnu dak allegat mis-socjeta attrici u cioe li l-esponenti hija debitrici fl-ammont ta' LM

17732.62 izda somma ferm inferjuri u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost wara li jsiru l-verifiki necessarji u jigi stabbilit l-ammont verament dovut, jekk ikun il-kaz, ghandhhom jigu mnaqqsa l-prezz ta’ diversi dvalji li jifforrmaw tlett (3) settijiet kif wkoll dak ghar-rigward ta’ diversi matress covers, liema merkanzija, ghalkemm avvanzata, s-socjeta attrici baqghet qatt ma rtirat lura;

Illi n’oltre wkoll ghandu jigi mnaqqas l-prezz ta’ diversi appliances u oggetti ohra li ghalkemm ndikati u nkluzi fil-prezz qatt ma gew effettivament konsegnati u dan bhal ma huma, izda mhux limitat ghall, dustbins bir-roti , skieken tal-hut, micro oven, dryer tal-idejn fost hewjjeg ohra u dan kif jigi spjegat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost is-socjeta attrici ghandha tesebixxi breakdown tal-oggetti kollha allegatament mibjuha u konsenjati lis-socjeta konvenuta u dan flimkien ma l-invoices relattivi li minnhom tirrizulta l-konsegna u min effettivament ircieva u acccetta l-istess;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta’ sbatax il-elf seba’ mija u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm17732.62)

dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ varji oggetti ta' "catering equipment" lilha mibjugha u konsenjati;

Is-socjeta attrici in sostenn ta' din il-pretensjoni pproduciet diversi xhieda u dokumenti tan-negozju u minn dawn il-provi l-imsemmija pretenzjonijiet jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minnha sottomess fin-nota ta' eccezzjonijiet u dana nonostante li nghatat kull opportunita' li tipproduci dawn il-provi. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu rigettati;

Ghall dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sbatax il-elf, seba’ mija u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm17732.62) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ merci, u cioe’ ‘catering equipment’, lilha mibjugha u konsenjati u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mit-30 ta' Gunju 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra is-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------